**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU SEBGHA U TLETIN**

Il-Kunsill Lokali Isla Itaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar l-Erbgha 23 ta' Mejju 2007 fis-6.30pm.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku | | | |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku | | | |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | | | |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | | | |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | - | 7.15pm | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Ezekuttiv |
| Udjenza : | James Farrugia + 1 | | |

## AGENDA

3. Approvazzjoni tal-Minuti
4. Komunikazzjoni mis-Sindku.
5. Mistoqsijiet
6. Suggerimenti mill-laqgha pubblika
7. Xoghol Triq il-Habs l-Antik
8. Xoghol gdid ta' dawl fi Gnien il-Gardjola
9. Ground tal-Football 'Synthetic Pitch'
10. Eghluq tax-xatt
11. Kontijiet Pendenti
12. Rizoluzzjonijiet
13. Approvazzjoni Rapport Jannar – Marzu 2007
14. Approvazzjoni u iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

**37 (1) Approvazzjoni tal-Minuti**

Billi il-Minuti gew imqassma minn qabel dawn gew mehuda bhala moqrija.

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva nem com il-minuti tal-laqgha tal-Kunsill ta' qabel nru 36.

**37 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-hidma li saret fil-Kunsill mill-ahhar laqgha tal-Kunsill.

37 (2) 1 <u>Jum l-Isla</u>

Il-Kumitat Konsultattiv ghadu ma harigx rapport ta' l-andament ta' l-attivitajiet li ittellghu bhala tifkira ta' Jum l-Isla. Dan minhabba li ghadu ma ltaqghax biex jaghmel dan. Hekk kif issir din il-laqgha il-Kunsill jigi mgharraf b'dak li jkun intqal f'din il-laqgha tas-Sotto Kumitat Konsultattiv.

Is-Sindku informa lil Kunsill li kien hemm tibdil zghir fil-programm f'dik li hija lejla Maltija minhabba li xi kantanti ma setghux jattendu. Il-partecipazzjoni tal-pubbliku kienet tajba hafna f'certu attivitajiet u ftit inqas f'attivitajiet ohra.

37 (2) 2 <u>Kwantita' ta' Grieden f'dar residenzjali</u>

Il-Kunsill kompla jistharreg il-kaz ta' anzjana li kienet qed izomm grieden kbar fid-dar taghha. Il-Kunsill ghamel kuntatt ma l-ispettur tas-sahha minhabba li kien qed ikun hemm diversi lmenti minn girien. Din l-anzjana giet evakwata mir-residenza taghha biex il-post jigi mnaddaf mill-grieden. Membri tal-familja taghha gew informati b'dan. Qed isir kull sforz minn kulhadd biex din il-problema tigi ghan-normal.

37 (2) 3 <u>Kannestru tal-halib quddiem residenza privata</u>

Il-Kunsill qed jinnota dak li qed jigi ghall-ilmenti li gew imressqa minn familja dwar kannestru tal-halib li qed jitpogga fid-dahla ta' residenza privata minn sid ta' hanut tal-grocer.

Dan il-kaz qieghed quddiem il-Qorti. Is-Supretendent tal-Pulizija tad-distrett huwa mgharraf dwar dan.

37 (2) 4 Xoghol ta' Resurfacing fi Triq iz-Zewg Mini

Is-Sindku informa lil Perit Lawrence Mintoff li mhux qed jaqbel mal-hlasijiet mitluba mill-Pada dwar ix-xogholijiet li wettqu fi Triq iz-Zewg Mini. Is-Sindku mhux qed jaqbel mal-kejl ta' certu side street li fl-opinjoni tieghu dan huwa xoghol li ma sarx.

Ghalhekk kellha issir laqgha mal-Perit fl-14 ta' Mejju 2007. Din il-laqgha ma saritx minhabba li il-Perit kien indispost.

Ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv sejjer jikteb ufficjalment lil Perit biex jinfurmah li il-Kunsill qed jikkontesta dawn il-hlasijiet u biex jerga jsir il-kejl mill-gdid tax-xoghol imsemmi. Koppja ta' din l-ittra ghandha tintbaghat lil Pada Builders.

37 (2) 5 Hlas dovut lil Pada Builders

Fuq talba tal-Bank, il-Pada Builders talbu lil Kunsill biex issir dikjarazzjoni tal-hlas dovut mill-Kunsill lil Pada Builders u kif dan il-hlas sejjer jithallas fi hlasijiet ta' kull xahar. Il-Kunsill qabel li dawn il-hlasijiet dovuti jsiru fl-ammont li jkun bejn (Lm1500 – Lm2000). Dan dejjem skond l-ammont globali li jkun maqbul bejn iz-zewg nahat u wara li terga' issir stima ohra tax-xoghol li sar.

37 (2) 6 Dahla ta' l-Isla

Qeghda tinhass il-htiega, anki saru xi ilmenti mir-residenti li ssir patch fid-dahla tal-Mina li hija perikoluza hafna. Din hemm bzonn li ssir urgenti qabel isehh xi incident. Ga tkellimt mal-Works Division biex waqt ix-xoghol li qieghed isir fuq is-sur jiehdu hsieb jaghmlu dan ix-xoghol ukoll.

37 (2) 7 Hlasijiet dovuti mill-Kunsill Lokali Bormla

Wara il-kuntatti li saru mal-Kunsill ta' Bormla, is-Sindku informa lil Kunsill li il-Kunsill ta' Bormla accetta li jhallas il-hlas dovuta lilu u imhallsa fil-Kunsill ta' l-Isla.

Dawn il-hlasijiet inzammu f'kont separat sakemm din id-diffikulta ta' hlas tigi solvuta bejn iz-zewg kunsilli.

Il-Kunsill approva li jsir dan fuq bazi temporanja.

37 (2) 8 Il-Libell kontra Joe Scerri mill-Kunsillier Charmaine Gerada

Is-Segretarju Ezekuttiv kellhu jivverifika jekk il-Kunsill harigx il-flus specifikati ghall-libell li il-Kunsillier Charmaine Gerada ghamlet lis-Sindku ta' Bormla. U jekk dan hu affermattiv jigi kwantifikat kemm jammonta dan il-hlas.

37(2) 9 Hlasijiet pendenti u dovuti lil dan il-Kunsill

Is-Segretarju Ezekuttiv sejjer jivverifika kemm huma il-hlasijiet dovuti lil dan il-Kunsill mill-Progett Qualiticities, Maltacom ghas-servizz ta' hlas ta' kontijiet u mill-Water Services Corporation.

37 (2) 10 Artikli dwar il-Kunsill ta' l-Isla fl-istampa

Is-Sindku Joseph Casha irrefera ghall-artiklu'X'inhu ghaddej fl-Isla' mill-korrispondent Frans Bugeja li deher nhar is-Sibt 12 ta' Mejju 2007 fin-Nazzjon. Is-Sindku informa lil Kunsill li huwa sejjer jirrispondi dan l-artiklu fi zmien opportun.

L-artiklu l-iehor li deher fuq il-Mument tal-Hadd 20 ta' Mejju 2007 'Abbuzz minn propjeta' tal-Kunsill Lokali Isla'. Fl-opinjoni tas-Sindku dan l-artiklu huwa ingurjuz u gie moghti parir legali biex jiehu passi legali ghal dak li gie miktub f'dan l-artiklu l-aktar fl-ewwel parti tieghu.

Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tieghu biex is-Sindku jiehu dawk il-passi kollha legali mehtiega biex jirribatti dak li gie miktub.

37 (2) 11 Korrispondenza mibghuta u ricevuta bejn id-9 u it-22 ta' Mejju 2007

| | |
|---|---|
| 04/1081/07/I | Stedina mis-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo dwar finanzjament ta' progetti ta' attivita' kummercjali fil-lokalita', 22 ta' Mejju 2007 |
| | |
| 04/1086/07/I | Talba mill-MIA biex juzaw Gnien il-Gardjola ghal riceviment mill-kumpanija bejn l-4 u it-8 ta' Awissu 2007. Baqghu ma tawx twegiba. |
| | |
| 04/1088/07/I | L-AKL sejjra torganizza seminar dwar il-programm 'Leader ' u tieghu mill-Ewropa. |
| | |
| 04/1090/07/I | Il-Mepa infurmat lil Kunsill dwar l-andament ta' l-applikazzjoni 0 1954/07 li kellha issir trinka fid-dahla ta' l-Isla biex isir id-dawl fil-Mina ta' Sant'Anna. |
| | |
| 04/1107/07/I | Talba mill-kumpanija Studio 7 biex jiffilmjaw fi Gnien il-Gardjola bejn it-8.00am u 12.00pm. Weghdu li jibghatu donazzjoni ta' Lm50 Maltin. |
| | |
| 04/1109/07/I | Is-sur Charlie Genovese irringrazzja lil Kunsill ghax-xoghol li twettaq fi Triq l-Arkati. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/1119/07/I | Il-Kunsill Lokali tal-Birgu kiteb lil Kunsill Lokali tal-Belt dwar ghala il-Kunsilli tal-Kottonera mhux qed ikunu konsultati dwar il-progett Urbact – Surch. |
| | |
| 04/1123/07/I | Devoluzzjoni ta' l-Imhazen fix-Xatt.<br><br>L-Awtorita' tad-Djar talbu lil Kunsill jibghat site plan ta' dawn l-imhazen. (skeda 1 – 2800) |
| | |
| 04/1124/07/I | Dipartiment ta' l-Estate Managment talbu tlett kopji bil-kulur ahmar dwar il-progett Pitch tal-Football 5-a-side kif kien approvat mill-Mepa. PA7273/061/1c/1d. Dawn iridu jkunu iffurmati mill-Perit. Dawn il-kopji ntbaghtu. |
| | |
| 04/1125/07/I | Seminar 9 ta' Gunju 2007 'Harsien tat-tfal Childcare – putting children first.' Dan is-seminar huwa mtella mill- Grupp Socjalisti fl-Ewropa u il-Grupp Socjalisti Maltin. |
| | |
| 04/1135/07/I | Gejna infurmati li l-applikazzjoni taghna ghal progett Anna Lindht li il-Paragon Ltd ghamlu f'isimna ma giex accettat. Is-Sindku Joseph Casha kellem lil Nadia Theuma f'isem il-Paragon biex il-Kunsill jinghata aktar spjegazzjoni ghal dak li gara. |
| | |
| 04/1143/07/I | Talba ghal uzu tas-Sala. Marie Claire Aquilina 25 ta' Lulju 2007. Il-Kunsill approva din it-talba. |
| | |
| 04/1146/07/I | Talba mill-Housing Authority ghal aktar taghrif dwar postijiet li mhumiex okkupati minn residenti fl-Isla. |
| | |
| 04/1171/07/I | Il-Kunsill gie infurmat li sejjra issir laqgha dwar il-progett 'Surch' nhar it-8 ta' Gunju 2007 fil-Kunsill Lokali tal-Belt. |
| | |
| 04/1173/07/I | Sejjra issir laqgha ta' tahrig dwar il-process tal-bidla f'Euro nhar il-15 ta' Gunju 2007. Memo 13/2007 |
| | |
| 04/1177/07/I | Il-Kunsill ma jistax jilqa' it-talba tas-sur Gatt biex jaghmel reserved parking flok martu li mietet. Il-Kunsill m'ghandux din il-fakulta'. |
| | |
| 04/1180/07/I | Il-Kunsill jenhtieglu li jkollu applikazzjoni mill-ADT qabel ma jkun jista' japprova it-talba ghal reserved parking ta' Justin Camilleri. |
| | |
| 04/1189/07/I | Talba minn Charles Camilleri jekk il-Kunsill hux interessat li jerga jaghmel il-korsijiet tal-computer ghat-tfal u adulti. |
| | |
| 04/1191/07/I | Il-Perit Lawrence Mintoff wiegeb ghal ittra tas-Segretarju Ezekuttiv tat-28 ta' Marzu 2007 fejn il-perit ta tifsira u gustifikazzjoni ghal nefqa aktar milli kien previst fir-resurfacing li sar fi Triq iz-Zewg Mini. |
| | |
| 04/1193/07/I | Talba biex jibda' jsir Jum il-Bizilla fl-Isla. |

**37 (3) Mistoqsijiet**

Ma kienx hemm mistoqsijiet ghad-diskussjoni.

**37 (4) Suggerimenti mill-Laqgha Pubblika**

Dawn is-suggerimenti ghandhom jinhargu aktar tard fil-laqghat li jsiru tal-Kunsill.

Sospensjoni ta' regolamenti ta' proceduri.

Fuq proposta tas-Sindku il-Kunsill qabel li japprova sospensjoni ta' regolamenti ta' proceduri biex jigu diskussi items 6, 11 u 12 qabel l-items l-ohra fuq l-agenda.

**37 (6) Xoghol gdid ta' dawl fi Gnien il-Gardjola**

Is-Sindku Joseph Casha informa lil Kunsill li ix-xoghol ta' stallazzjoni ta' dawl gdid f'dan il-gnien miexi kif progettat u jidhel li ghandu jkun lest fil-hin biex jkun jista' jintuza' ghal-ewwel tieg li sejjer issir fit-23 ta' Gunju 2007.

Qieghed isir wkoll ir-refurbishment tat-toilets.

**37 (11) Rapport Finanzjarju (Jannar – Marzu 2007) u Budget 2007/2008**

Il-Kunsill kellhu ghall-approvazzjoni tieghu ir-rapport finanzjarju ta' l-ahhar tlett kwarti tas-sena finanzjarja (Jannar – Marzu 2007) u Budget 2007/2008

37 (11) 1 Rapport Finanzjarju (Jannar – Marzu 2007)

Wara li l-accountant tal-Kunsill taghat tifsira ta' dan ir-rapport finanzjarju u gew imwiegba il-mistoqsijiet li saru f'dan ir-rigward, il-Kunsill ressaq dan ir-rapport ghal-approvazzjoni tal-Kunsill.

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mil-Vici Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva nem com dan ir-rapport finanzjarju (Jannar – Marzu 2007)

37 (11) 2 Budget 2007/2008

Wara li l-accountant kienet fasslet il-Budget 2007/2008 fuq il-parir tas-Sindku u is-Segretarju Ezekuttiv, dan gie mfisser mill-accountant tal-Kunsill.

Wara li saru xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera, dan il-budget tressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva nem com dan il-Budget.

**37 (12) Approvazzjoni u iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti**

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva il-hlas ta' pagamenti li jammontaw ghal Lm3,787.44.

Fit-8.45pm il-Kunsill aggorna it-tkomplija tal-laqgha tal-Kunsill ghal gurnata ohra li sejra tkun komunikata lil Kunsilliera aktar tard.

Konfermati bhala konsistenti u korretti nhar

| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| --- | --- |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Laqgha nru. 37 (tkomplija)**

**Il-Gimgha 1 ta' Gunju 2007**

**Hin: 7.00pm**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Ezekuttiv |

Udjenza: Xejn

Billi din hija kontinwazzjoni tal-laqgha nru 37 il-Kunsill kellhu dawn l-items fuq l-Agenda.

(3) Xoghol Triq il-Habs l-Antik
(3) Ground tal-Football 'Syntethic Pitch'
(8) Gheluq tax-Xatt
(9) Kontijiet Pendenti
(10) Rizoluzzjonijiet

Komunikazzjoni: Is-Sindku ta dan it-taghrif:

(3) Triq iz-Zewg Mini

Wara li is-Sindku ikkuntesta mal-perit dwar li mhux qed jaqbel mal-hlas mitlub, rega sar kejl mill-gdid. Skond dan l-ahhar kejl, is-somma dovuta tnaqqset b'madwar Lm2000. L-ammont finali dovut huwa ta' Lm23,142.41.

(2) Libell kontra il-Mument

Is-Sindku Joseph Casha informa lil Kunsill li wara li ha parir legali, inghata bidu u gie irregistrat libel kontra il-Mument ghall-artiklu 'Abbuzz mill-propjeta' tal-Kunsill Lokali ta' l-Isla'.

(3) Laqgha ma l-Arcisqof ta' Malta Pawlu Cremona.

Is-Sindku, il-Kunsilliera u is-Segretarju Ezekuttiv huma mistiedna biex jattendu ghal laqgha li sejjra issir ma l-Arcisqof fl-Imdina nhar il-21 ta' Gunju 2007. Din hija inizjattiva ta' l-Assoccjazjoni tal-Kunsill Lokali.

(4) Koperattiva Indafa Pubblika

Il-Kunsill ircieva ittra minn din il-koperattiva li m'ghadiex tiffunzjona, biex jithallsu il-hlas dovut mill-Kunsill. Is-Sindku informa lil Kunsill li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali taghat struzzjonijiet biex ma jinghatax kaz ta' dawn it-talbiet li mhumiex legali.

**37 (5) Xoghol fil-Play Area Triq il-Habs l-Antik**

Il-Kunsill kellhu tlett offerti biex dan ix-xoghol isir. Dawn l-offerti kienu hekk :

| | |
|---|---|
| Charlie Cassar | Lm1381.00 |
| Silvar Constructions | Lm1819.00 |
| Pada Builders | Lm2187.20 |

Wara verifika u diskussjoni fuq dawn l-offerti il-Kunsill fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, approva unanimament l-offerta ta' Charlie Cassar. (Dokumenti relatati huma mehmuza).

**37 (7) Ground tal-Football 'Synthetic Pitch'**

Il-Kunsill ircieva l-approvazzjoni tal-Mepa biex jkun jista' jaghmel dan il-pitch kif mitlub.

37 (7) 1 Il-Kunsill gie mitlub mill-Estate Managment Department biex jibghat tlett kopji tal-pjanti approvati li juru sewwa ix-xogholijiet li huma proposti li jsiru u li huma approvati mill-Mepa u li dan ikun iffirmat mill-Perit tal-Kunsill.

Fuq struzzjoni tas-Sindku il-Perit Lawrence Mintoff ha hsieb biex dawn il-pjanti jintbaghtu.

37 (7) 2 Il-Kunsill qabel unanimament biex isiru it-thejjijiet tad-dokumenti billi tohrog di nit-tender ghal pubbliku.

37 (7) 3 Is-Senglea Nursery Football Club sejjrin jigu infurmati b'dawn il-proceduri u thejjijiet.

37 (7) 4 Sar qbil wkoll biex il-Kunsill jitkellem mas-sur Vince Pace li ghandu f'idejh store fin-naha ta' fejn sejjer issir dan il-pitch.

**37 (8) Eghluq tax-Xatt**

Il-Kunsill qabel li ix-Xatt fit-tlett xhur tas-Sajf ghandu jinghalaq ghat-traffiku u jsir pedestrian area. Pera ghandhom isiru stickers apposta biex ir-residenti tax-xatt ikunu jistghu jidhlu biex jipparkjaw il-karozza taghhom.

Ghandhom isiru it-thejjijiet f'dan ir-rigward u issir laqgha ma tal-hwienet.

**37 (9) Kontijiet Pendenti**

Il-kontijiet pendenti huma dawk li gew moqrija fir-Rapport Finanzjarju Annwali 2007/2008 li gie ipprezentat u approvat f'item 11 fil-laqgha ta' nhar it-23 ta' Mejju 2007.

**37 (10) Rizoluzzjonijiet**

Ma kienx hemm rizoluzzjonijiet x'jigu diskussi u approvati.

Il-laqgha ntemmet fid-9.11pm

Konfermati bhala konsistenti u korretti nhar

______________________
Joseph Casha
Sindku

______________________
Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv